MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 608/2011

**Il-perit Ray Demicoli u martu Angela Demicoli**

**Vs**

**David Crewe Reed**

Permezz ta’ rikors guramentat prezentat fl-24 ta’ Gunju 2011 l-atturi qeghdin jitolbu li l-qorti tikkundanna lill-konvenut ihallashom is-somma ta’ erbatax-il elf mija u sittin ewro (€14,160) hlas ta’ servizz professjonali li nghata lill-konvenut fir-rigward ta’ xoghol li sar fil-fond numru sitta u sittin (66), Triq San Pawl, Valletta. Fir-rikors guramentat saret talba biex ir-rikors jinstema’ bil-procedura sommarja.

Mill-atti jidher li l-konvenut gie notifikat, izda ma deherx fis-seduta tal-lum.

**Fic-cirkostanzi l-qorti qeghda tilqa’ t-talbiet tal-atturi u tikkundanna lill-konvenut ihallashom is-somma ta’ erbatax-il elf mija u sittin ewro (€14,160) bhala hlas ghas-servizz professjonali li ta l-attur. Spejjez a karigu tal-konvenut**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------